**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 52/06**

It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | *skużat* |
| CLAUDIENNE LANZON | KUNSILLIER | |
| PAUL J. PACE Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA | SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Performance Bonus 2012
    - Seg. Eżek. Sur Paul J. Pace
    - Asst. Prinċipal – Sinj. Antonella Galea
    - Uffiċċjal Eżekuttiv – Sinj. Maria Aquilina
    - Skrivana – Sinj. Carol Mallia
    - Skrivana – Sinj. Isabella Formosa (pro-rata)
4. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 51/06 għax xahar ta' Diċembru 2012
5. Rapporti mill-Kunsilliera
6. Ħwejjeġ oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

### 1 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 51/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku l-Kav. Paul Farrugia u mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

### 2 *Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)*

**i.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li għalkemm il-Kuntrattur permezz tal-Avukata tiegħu bgħat Programm ta' Xogħlijiet, dan xorta waħda waqa' b'lura. Is-Sindku qal li talab lis-Seg. Eżek sabiex jikteb lill-kuntrattur sabiex jinfurmah b'dan. Is-Sindku kompla jgħid li ilu jipprova jċempillu u wara ħafna tentattivi qabdu u sab li kien imsiefer u qallu biex jitkellem ma wieħed mill-ħaddiema tiegħu. Dan il-ħaddiem qallu li l-gazebos waslu Malta u jinsabu x-xatt. Il-bqija jonqos ir-resurfacing madwar il-Pjazzetta fi Triq Santa Tereża u xi affarijiet oħra. *ERDF*

**ii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward ix-xogħol fl-area ta' Luqa Road bejn il-blokki għalkemm tkompla u l-kisi u twaħħil tal-"crazy paving" mal-ħitan ta' bejn dawn il-blokki għaddej pero sfortunatament inqala' ntopp u kellna nieqfu. Dan għaliex ċertu Sur Vince Schembri magħruf bħala l-"MULEJ" mar fuq il-ħaddiema u waqqafhom għaliex dik il-parti ta' barra fejn ser inpoġġu l-Bring in Sites qed jgħid hija art tiegħu bi qbiela. Is-Sindku kompla jgħid li waqt li kien id-Dipartiment tad-Djar qajjem dan il-każ kemmxejn stramb għal fatt li ma jistax jifhem kif parti minn ġnien ta' appartamenti tista' tingħata bi qbiela għand individwu li l-anqas biss joqgħod f'din il-blokka tal-appartamenti u iktar minn hekk anqas biss huwa residenti f'Ħal Tarxien. *Proġett-Luqa Road*

ii.i Is-Sindku qal li dwar dan il-każ għamel ukoll PQ.

ii.ii Is-Sindku kompla jgħid li s-Sur Schembri għamillu rapport li kellmu ħażin kif ukoll rrapurtah lill-MEPA u saħansitra lill-Lands. Is-Sindku qal ukoll li mill-Lands ċemplu lill-Perit tal-Kunsill u tgħidx kemm għajtu miegħu. Is-Sindku qallu biex jekk jerġa' jiġri hekk darb'oħra missu rreferih għand l-Kunsill u jitolbu kollox bil-miktub.

Is-Sindku kompla jgħid li huwa ser jagħmel PQ dwar dan il-każ. Is-Sindku kompla jgħid li ladarba jirċievi bil-miktub mingħand il-Lands, ser jikteb lill-Awditur Ġenerali sabiex jinvestiga dan il-każ.

S'issa ma kien hemm l-ebda korrispondenza f'dan ir-rigward.

ii.iii Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett, nħarġet id-devoluzzjoni u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-kuntratt.

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-PPP, bħalissa l-Kuntrattur qiegħed bis-shut down. Mis-7 ta' Jannar 2013 il-quddiem ser ikompli bix-xogħol u jibda bl-area wara t-Tempji Neolitiċi li jkopru Triq il-Ħaġar, Triq Sammat, Triq Santa Monika u Triq Temi Zammit. *PPP*

**v.** Is-Sindku qal li x-xogħol fil-Pjazzetta Santa Marija lest kollu. *Pjazzetta Santa Marija*

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadna ma' rċevejna xejn dwar l-ixkaffar ordnati għal- *Xkaffar Għal Librerija Fergħa*

Librerija. *Tarxien*

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-Tender tal-Photovoltaic System għal-proġett tal-ERDF, li l-Board tal-Evalwazzjoni għadu qed jagħmel l-evalwazzjoni. *Tender PV – progett ERDF*

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-iSkema għall-Fondi Speċjali għall-Attivitajiet Kulturali li konna applikajna għall-attivita' ta' EPOKA għal Settembru 2013 għad m'għandniex risposta. *Skema Attivitajiet Kulturali*

ix. Rigward l-Interactive DVD s-Sindku qal bgħatna l-ittra lill-Kuntrattur u qed nistennew li nirċievu l-Garanzija Bankarja ta' 10% tal-offerta mitfugħa. *Interactive DVD*

x. Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar il-każ tal-inċident fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, li konna rċevejna ittra mingħand ALLCARE Insurance li ser jaċċettaw il-każ u jħallsu l-ispejjeż involuti ladarba nibgħatulhom xi dokumenti mitluba bqajna ma rċevejna xejn iktar. *Inċident – Monument Vittmi tal-Gwerra minn tal-Arriva.*

x.i Is-Sindku kompla jgħid li dwar l-inċident l-ieħor fejn tfajla daħlet ġol Mument fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, is-Sur Pace reġa għamel kuntatt mal-Għassa tal-Pulizija Raħal Ġdid biex jerġa jistaqsi għad-dettalji dwar dan l-inċident.

xii. Is-Sindku qal li ż-żewġ ittri li rċevejna rigward it-tiżjin tal-Milied, ġew ikkunsidrati u aċċettati u t-tiżjin tat-toroq sar. Din is-sena sar ukoll it-tiżjin fl-isqaqien. *Milied*

*IsSur Lawrence Bonavia attenda fis-6.30pm*

xiv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender tal-PV System fuq id-Dar tal-Kejka għalqet. Il-ftuħ tat-Tender ser isir it-Tnen 24 ta' Diċembru 2012 fl-10.30am. Preżenti ser ikun hemm is-Sur Keith Darmanin , is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

xv Is-Sindku qal li rċevejna ittra ta' ringrazzjament u apprezzament mingħand il-Mafkar tal-Kumitat Maria Annunzjata għall-ħadid tad-dawra tal-Istatwa ta' l-Annunzjata li hemm fejn il-Berġa fi Triq Santa Marija.

xvi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Viċi Sindku l-Ħamis 20 ta' Diċembru ser jattendu għall-laqgħa dwar applikazzjoni dwar restawr ta' niċċeċ u statwi.

Xvii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2012 fis-7.30 fiċ-Ċentru Komunitarju ser jagħmel laqgħa dwar it-trasport f'Ħal Tarxien.

***3 Performance Bonus 2012***

Is-Sindku u l-Kunsillieri approvaw il-Performance Bonus tal-Impjegati tal-Kunsill.

- 10% - (pro rata) Seg. Eżek. Sur Paul J. Pace
- 6% - Antonella Galea, Maria Aquilina, p/t Carol Mallia & p/t Isabella Formosa (pro rata)

3.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li erġajna rċevejna mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali dwar il-Performance Bonus tas-Sur Maurice L.Mallia. Dan għaliex l-Ex Aġent Segretarju Eżekuttiv ma kienx irreġistra dan il-każ fil-Minuti meta l-Kunsill kien approva li s-sur Maurice L. Mallia jingħata 5% Performance Bonus.

ii Għalhekk il-Kunsill reġa' b'mod unanimu approva li s-Sur Mallia jingħata 5% Performance Bonus pro-rata.

iii Is-Sindku kompla jgħid li l-każ tas-Sur Mallia issa huwa defenittivament magħluq u l-pendenzi li kellna ġew kollha mħallsa.

***4 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti***

i Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 51/06 għax-xahar ta' Diċembru

2012. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

**5 *Rapporti mill-Kunsilliera***

**V *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

iii.i Is-Sinj. Doris Vella ppreżentat rendikont tal-aħħar ħarġa.

**VI. *Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i *Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss hija l-Anzjan Tarxiniż nhar is-27 ta' Diċembru 2012.*

**6 *Ħwejjeġ Oħra***

Is-Seg. Eżek ressaq quddiem il-Kunsill talba sabiex 121 siegħa leave minn tas-sena 2012 jiġu mġedda u jiżdiedu mal-bilanċ tal-2013

Il-Kunsill qabel nem con.

**7. *Għeluq tal-Laqgħa***

i. Il-laqgħa ntemmet fit-7.00pm

ii. Laqgħa oħra li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm

**Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA**
**Seg. Eżek**